SAN LAWRENZ

Il-minuti tat-tlettax -il laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar il-Gimgha 9 ta' Novembru fit-8:30 ta' filghodu fl-Ufficju tal-Kunsill.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Anthony Formosa |
| **Vici Sindku:** | Anthony Cassar |
| **Kunsilliera:** | John Mercieca<br>Mikelina Mercieca<br>Rose Vella |
| **Segretarju Ezekuttiv:** | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku Anthony Formosa.

**2.0 Minuti**

2.1 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Decizzjoni dwar it-tender tal-generator tal-progett PANACEA**

3.1 Is-Sindku semma li din il-laqgha ssejhet b'urgenza sabiex jigi approvat ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta tax-xiri ta' generator konness mal-progett PANACEA, Bhala offerta ntefghet wahda biss minghand A Falzon Ltd ghall-prezz ta' €21,046.08 Il-prezz mitfugh gie jaqbez il-budget provdut mill-progett u ghalhekk gie ssugerit mill-bord li f'dawn ic-cirkustanzi sabiex ma jintilfux il-flus mill-progett, ghandu jinxtara l-generator biss ghal prezz ta' €11,500 u ghax-xogholijiet tat-tqattigh ta' trinka ghandha tinhareg stima ohra. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord li l-kuntratt ghandu jsir fuq ix-xiri tal-generator biss u li ghax-xogholijiet tat-trinka ghandha tinhareg sejha ohra.

**4.0 Materji ohra**

4.1 Gie ssuggerit li ghandu jigi organizzat lir-residenti Weekend Break f'Malta. Sar qbil li dan ghandu jsir bejn it-30 ta' Novembru u t-2 ta' Dicembru.

4.2 Saret referenza ghal Memo 40/2012 sabiex jinxtraw xi kotba ghal-librerija u l-Kunsill jinghata daqs l-ammont li jonfoq hu f'sena. Il-Kunsill qabel li ghandu jonfoq is-somma ta' €400.

Il-laqgha ntemmet fid-9:30am.

| | |
|---|---|
| ***Anthony Formosa***<br>***Sindku*** | ***Lucienne Haber***<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |